MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## MARIO SCERRI

Seduta tat-22 ta' Settembru, 2009

Talba Numru. 41/2007

Andrew u Mary konjugi Xuereb

vs

Joseph Sultana, u Carmel Sultana

It-Tribunal,

Ra l-avviz tat-talba pprezentat fit-3 ta' Awwissu 2007, li jghid hekk :-

'Illi l-konvenuti ghandhom jigu kkundannati jhallsu lill-atturi Andrew u Mary konjugi Sultana (*recte* Xuereb) s-somma ta' tmien mija u sitta u sittin lira Maltin u tletin centezmi (Lm866.30) dovuti bhala danni illi l-konvenuti kkagunaw lill-atturi konjugi Sultana (*recte* Xuereb) fuq id-dar residenzjali taghhom bl-isem 'Sydney House', Triq Gnien Xibla, Xaghra, Ghawdex, kif ukoll fuq il-vettura tal-marka Toyota Corsa bin-numru ta' registrazzjoni BBJ 558 proprjeta' tal-konjugi Xuereb. Kopja tal-ircevuti hawn

annessi u mmarkati bhala Dokument A – F. Dawn id-danni gew ikkagunati f'incident kkagunat mill-konvenuti.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-prezenti, ta' l-ittra ufficjali numru 475/2007 datata 19 ta' Gunju 2007, id-drittijiet professjonali, u bl-imghaxijiet kontra l-konvenuti.

Bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni.'

Ra r-risposta tal-konvenuti pprezentata fis-27 ta' Settembru 2007, li tghid hekk :

'Illi t-talbiet attrici huma totalment infondati fid-dritt u fil-fatt ghaliex ghalkemm verament sehh l-incident bejn il-kontendenti f'Marzu 2006, f'dak l-incident ma gewx kagunati hsarat lill-atturi u certament illi, anke' jekk ghall-grazzja tal-argument biss, gew kagunati hsarat, dawn il-hsarat ma kienux fl-ammont ghal kollox gonfjat u esagerat illi qeghdin jippretendu l-atturi. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, tajjeb jigi rilevat illi bejn  il-konvenuti Joseph u Carmel Sultana ma tezisitix solidarjeta', u kull wiehed ghandu se mai, jekk eventwalment jinsab responsabbli, iwiegeb biss ghal dik il-hsara li setghet verament giet ikkagunata minnu u xejn aktar.

Illi dejjem minghajr pregudizzju ghall-premess, ghandu jigi rilevat ukoll illi l-atturi kienu fid-dmir u obbligu illi jimminimizzaw id-danni. Minflok ma ghamlu dan, l-atturi qabdu u ghamlu l-almu taghhom sabiex izidu d-danni, u minflok ma sewwew il-ftit hsara li giet verament kagunata, huma qabdu u bidlu diversi abbiljamenti taghhom sabiex jinqdew bl-okkazjoni u jirrinovaw id-dar taghhom a spejjez tal-konvenuti.

Illi ma gew kagunati ebda hsarat fil-vettura tal-atturi.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Bl-ispejjez.'

Sama' l-provi.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha esibiti.

Ra li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidra :

Permezz ta' din il-kawza l-atturi qeghdin jitolbu li l-konvenuti jigu kkundannati li jhallsu d-danni li jsostnu li soffrew fl-incident li sehh fit-28 ta' Marzu 2006, fi Triq Gnien Xibla, Xaghra, Ghawdex, liema danni li qed jigu reklamati huma fl-ammont ta' tmien mija u sitta u sittin lira Maltin u tletin centezmi (Lm866.30), illum ekwivalenti ghal elfejn u sbatax –il Euro u erba' u disghin centesimi (€2017.94), ta' diversi hsarat li gew ikkagunati fuq il-proprjeta' privata tal-atturi.

Mill-fatti prodotti f'dan il-kaz li ta lok ghall-incident fuq imsemmi jirrizultaw dawn l-aspetti saljenti :

i) Il-partijiet fil-kawza ghandhom ir-residenzi taghhom hdejn ta' xulxin fl-istess Triq Gnien Xibla, Xaghra, Ghawdex ;
ii) L-attrici Mary Xuereb, u l-konvenuti Joseph Sultana u Charlie Sultana huma ahwa, u bejniethom hemm diversi kwistjonijiet. Fil-fatt l-atturi u l-konvenuti ma jitkellmux ;
iii) Fit-28 ta' Marzu 2006, waqt li t-tfal tal-konvenuti kienu qeghdin jilghabu bil-ballun fid-*driveway* quddiem id-dar tal-konvenut Charlie Sultana, harget tkeccihom l-attrici wara li semghet xi hsejjes tal-ballun jahbat mal-faccata tad-dar taghha, il-ghaliex bezghet li dawn it-tfal kienu sejrin jolqtulha u jkissrulha l-katusa tal-bejt ;
iv) Wiehed mit-tfal tal-konvenut Charlie Sultana dahal jghid lil missieru li l-attrici kienet ghamlet ghalihom, li dak il-hin kien fil-garage, u dan hareg u kellu argument mal-attrici li wassal biex beda jaqla' u jkisser il-katusi kollha tal-bejt li kien hemm nizlin mal-faccata tad-dar tal-atturi ;
v) F'dan l-incident dahal ukoll ftit wara l-konvenut l-iehor Joseph Sultana ;
vi) Fl-istess incident saret ukoll hsara fir-rixtellu tal-aluminium u fil-bieb tad-dar tal-atturi, u bit-titjir tal-katusi ntlaqtet ukoll il-vettura tal-atturi tal-ghamla Toyota Corsa

bin-numru ta’ registrazzjoni BBJ 558, li kienet ipparkkjata vicin id-dar tal-atturi.

Dan premess, l-indagini li trid issir minn dan it-Tribunal huwa (a) li jigi stabbilit jekk il-konvenuti t-tnejn ghandhomx jirrispondu t-tnejn flimkien u b’mod solidali bejniethom ghall-hsara subita mill-atturi jew separatament kull wiehed skond il-hsara li kkaguna; u (b) jekk l-ammont ta’ danni li qed jigu reklamati mill-atturi ta’ elfejn u sbatax –il Euro u erbgha u disghin centezmi (€2017.94) huwiex gustifikat kunsidrata l-entita’ tal-hsara li giet ikkagunata mill-konvenuti. Dan qed jigi rilevat ukoll il-ghaliex filwaqt li t-talba hija ghall-hlas tas-somma ta’ tmien mija u sitta u sittin lira Maltin u tletin centezmi (Lm866.30), ir-ricevuti esibiti mill-atturi jammontaw komplessivament ghal aktar minn daqshekk, u effettivament ghal disa’ mija u disa’ u sittin liri Maltin u sittin centesimi (Lm969.60).

L-Artikolu 1031 tal-Kodici Civili jippreciza li ‘kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu’. Din in-norma tal-ligi fil-kamp tar-responsabilita` akwiljana jew extra-kontrattwali tikkostitwixxi l-punt kardinali *in subjecta materi*a, u tennuncja l-principju in virtu’ ta’ liema l-lezjoni kagjonata lis-suggett tobbliga lill-awtur tal-lezjoni li jirrizarcixxi l-konsegwenzi negattivi, ossija d-danni kompjuti bl-att tieghu. Issa kif saput, il-fonti primarju tar-responsabilita` civili hi ravvizata fl-imgieba imputabbli ghal dolo jew kulpa. Il-ligi civili taghna ma tiddefinixix il-kolpa civili fl-ghemil izda taghmlu jikkonsisti fin-nuqqas ta’ prudenza, nuqqas ta’ diligenza u nuqqas ta’ hsieb tal-*bonus paterfamilias* [Artikolu 1032 (1), Kodici Civili].

Minn ezami akkurat tal-provi jirrizulta li filwaqt li l-hsara fil-katusi tal-bejt giet indubbjament ikkagunata mill-konvenut Charlie Sultana, u dan fuq ammissjoni tieghu stess, dan it-Tribunal huwa konvint li l-hsara fil-bieb ta’ barra tad-dar tal-atturi u fir-rixtellu tal-aluminium giet ikkagunata kollha mill-konvenut l-iehor Joseph Sultana, u ma jqisx bhala verzjoni kredibbli dik tal-konvenut Joseph Sultana li huwa zamm biss idejh mar-rixtellu u dan tqaccat mic-cappetta tieghu meta gibditu martu biex tbieghedu mid-dar ta’ ohtu. Dan it-Tribunal huwa altru milli konvint li din il-hsara

fil-bieb u fir-rixtellu tal-aluminium saret fid-daghdigha li kellu l-konvenut Joseph Sultana ghall-atturi kif jidher car ukoll mir-ritratti esibiti in atti waqt l-azzjoni miz-zewg konvenuti.

Filwaqt li dan it-Tribunal iqis id-danni reklamati mill-atturi ghall-hsara li giet ikkagunata fil-katusi tal-bejt li skond l-ircevuti esibiti tammonta ghal tliet mija u tlieta u ghoxrin Euro u tlieta u erbghin centesimi (€323.43), u ghall-hsara li giet ikkagunata fil-bieb u fir-rixtellu li tammonta ghal elf u hamsa u tmenin Euro u disa' u erbghin centesimi (€1048.22) bhala gustifikati, ma jqisx pero' li d-danni li qed jintalbu mill-atturi ghal *mosquito net* fl-ammont ta' seba' u tletin Euro u seba' u ghoxrin centesimi (€37.27) u tal-ispejjez biex giet imsewwija l-hsara fuq il-karozza huma gustifikati. Fil-kaz tal-*mosquito net* ma jirrizultax mir-ritratti li gew esibiti mill-atturi stess li l-bieb fil-fatt kien mghammar b'*mosquito net* meta giet kagunata l-hsara fuq il-bieb mill-konvenut Joseph Sultana, u ghalhekk dan it-Tribunal iqis li m'ghandux jikkundanna lill-konvenut Joseph Sultana li jhallas l-ispejjez ghal dan it-tilar. A rigward l-ispejjez li qed jigu reklamati tal-hsara tal-vettura, dan it-Tribunal iqishom eccessivi. Dan it-Tribunal ezamina bir-reqqa kemm ix-xhieda tal-attrici Mary Xuereb kif ukoll ir-rapport tal-hsara li sar minn Philip Attard, u jistqarr frankament li mhuwiex daqstant konvint li bit-titjir tal-katusi giet ikkagunata hsara fl-erbat ignub tal-vettura, fuq il-*bonnet* ta' quddiem u fil-*boot* ta' wara, u prattikament fuq il-vettura kollha. Minn imkien mix-xhieda mressqa mill-atturi ma rrizulta li fl-incident il-konvenuti waddbu l-katusi jew bicciet tal-katusi lejn il-vettura tal-atturi, u dan it-Tribunal huwa tal-fehma li ghalkemm mhix eskluza li giet ikkagunata hsara wkoll fuq il-vettura tal-atturi bit-titjir tal-katusi meta dawn gew mifqugha u mkissra mill-konvenut Charlie Sultana u sabbathom ghall-art, madanakollu huwa tal-fehma li hemm element ta' esagerazzjoni da parti tal-atturi fl-ammont tad-danni li qed jigu reklamati ghall-hsara fuq il-vettura. Inghad li 'ghandu dejjem jinzamm in mira, u fil-perspettiva sana, illi l-funzjoni primarja tar-rizarciment hi dik tal-kompensazzjoni tal-pregudizzju arrekat u r-restawr tal-qaghda *ante quo* il-fatt leziv tal-dritt [Prim'Awla, **Margaret Camilleri et vs Cargo Handling Co. Ltd.**,

13/10/2004]. Fl-istess sentenza zied jinghad ukoll li : ‘Ma jistax ikun dubitat illi hu rikonoxxut lill-gudikant anke’ fis-sistema tal-ligi taghna l-poter diskrezzjonali li jillikwida t-telf u l-qligh bl-adoperu tal-kriterju sussidjarju tal-valutazzjoni ekwitattiva. Ara a propozitu decizjoni a **Vol. XXXV P III p 615** fejn gie proprju rikonoxxut, fuq l-istregwa ta’ dak espress mill-Qorti Taljana ta’ Kassazzjoni, illi *vi hanno casi in cui, non potendosi avere mezzi istruttori, e` rimesso al magistrato il valutare ‘ex aequo et bono’ secondo i dettami della sua ragione e coscienza, l’ammontare del danno al risarcimento del quale taluno fu condannato*’. Fic-cirkostanzi dan it-Tribunal qed jillikwida *ex aequo et bono* lill-atturi ghall-hsara minnhom sofferta fil-vettura taghhom is-somma ta’ erbgha mitt Euro (€400), li ghandu jaghmel tajjeb ghal din il-hsara l-konvenut Charlie Sultana wahdu billi jirrizulta li din il-hsara giet ikkagunata fil-mument li huwa kisser il-katusi, flimkien ma’ l-ispejjez tas-surveyor Philip Attard li jammontaw ghal wiehed u tmenin Euro u tlieta u hamsin centesimi (€81.53). Dan it-Tribunal ma jqisx id-danni l-ohra reklamati mill-atturi ghall-kiri ta’ vettura u ghal konsulta medika gew sodisfacentement ippruvati, u ghaldaqstant mhuwiex ser jaghti ebda hlas lill-atturi ghal dawn l-ispejjez.

Wara li ra l-artikoli 3(2), 7(1), 9(2)(a)(3) tal-Kap.380.

Ghaldaqstant jaqta’ u jiddeciedi l-kawza billi jilqa’ t-talba attrici limitatament ghas-somma ta’ elf tmien mija u tlieta u hamsin Euro u tmintax–il centesimi (€1853.18), u minn din is-somma jikkundanna lill-konvenut Charlie Sultana jhallas lill-atturi s-somma ta’ tmien mija u erba’ Euro u sitta u disghin centesimi (€804.96) u lill-konvenut l-iehor Joseph Sultana s-somma ta’ elf u tmienja u erbghin Euro u tnejn u ghoxrin centesimi (€1048.22). Bl-imghaxijiet li ghandhom jiddekorru fuq dawn l-ammonti mid-data ta’ din is-sentenza sal-effettiv pagament, u bl-ispejjez tal-kawza ghandhom fic-cirkostanzi jigu sopportati ugwalment miz-zewg konvenuti, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali numru 475/07 tad-19 ta’ Gunju 2007.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------